MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2007

Citazzjoni Numru. 544/2006

**Britannia Catering Company Limited (C2893).**

**vs**

**Scala Developments Company Limited (C18453).**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta’ Britannia Catering Company Limited u Joseph Pace ghan-nom ta’ Britannia Catering Company Limited datat 15 ta’ Gunju 2006 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` rikorrenti kienet tikri minghand Joseph Pace l-fond bin-numru 36A u 37 Flat 1, Tigne Seafront , Sliema, liema fondi llum jappartjenu lis-socjeta` intimata wara illi din xtrathom permezz ta’ proceduri ta’ subasta minghand l-istess Joseph Pace.

Illi ghaldaqstant, is-socjeta` rikorrenti kellha l-pussess ta' dawn iz-zewg fondi.

Illi nhar l-Erbgha 14 ta' Gunju 2006, is-socjeta` rikorrenti giet spussessata mill-pussess ta' dawn iz-zewg fondi mis-socjeta` intimata meta din bi vjolenza zgassat gewwa l-fond 36A, Tigne Seafront, Sliema, harget l-oggetti kollha li kienu jinsabu gewwa li kienu hemm gew – sahansitra kien hemm anke vettura maqbuda permezz ta' mandat ta' qbid – u tellghet hajt wara x-xater (*shutter*) fejn gie negat kwalsiasi forma ta' access.

Illi dan l-agir illegali u abbusiv da parti tas-socjeta` intimata jikkostitwixxi spoll *a tenur* ta' l-artikolu 535 (1) tal-Kodici Civili u *a tenur* ta' l-istess ghandu d-dritt jitlob minghand is-socjeta` intimata sa jigi ri-integrat fil-pussess ta' dawn iz-zewg fondi.

Ghaldaqstant, l-esponenti titlob bir-rispett ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata kkommettiet spoll fil-konfront tas-socjeta` attrici fir-rigward tal-fond 36A u 37 Flat 1, Tigne Seafront, Sliema.

2. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex fi zmien li ghandu jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti, tirrimetti lis-socjeta` rikorrenti fil-pussess ta' dawn iz-zewg fondi u tirripristina dawn iz-zewg fondi fl-istat li kienu jinsabu qabel ma l-esponenti giet spollata u dan anke *okkorrendo* taht is-supervizjoni ta' Perit li ghandu jigi nominat minn din l-Onorabbli Qorti.

3. Tordna lis-socjeta` intimata sabiex terga' tirritorna l-oggetti kollha li nhargu minn gewwa dawn iz-zewg fondi.

Bl-ispejjes kontra s-socjeta` intimata li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li dan ir-rikors kien appuntat ghas-smiegh nhar it-Tlieta 8 ta' Awissu 2006 ghas-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2006.

Rat li s-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bir-rikors guramentat u bl-avviz tas-smiegh ta' l-istess rikors u kawza fis-16 ta' Awissu 2006 kif jidher mir-riferti rispettivi *a tergo* ta' fol. 5 u 7 tal-process, izda l-istess socjeta' konvenuta baqghet ma pprezentat l-ebda risposta guramentata u ghalhekk l-istess socjeta' intimata baqghet kontumaci u lanqas dehret f'din il-kawza.

Rat n-nota tas-socjeta` Britannia Catering Limited datata 22 ta' Awissu 2006 (fol. 8) li permezz taghha pprezentat il-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Novembru 2006 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Keith Bonnici ghas-socjeta` attrici. Is-socjeta` konvenuta msejha diversi drabi baqghet ma dehritx. Il-Qorti kkonfermat digriet ta' l-affidavit b'terminu ta' erbghin (40) jum minn dan il-verbal u l-kawza giet differita ghall-finali trattazzjoni ghall-11 ta' Jannar 2007.

Rat in-nota ta' Britannia Catering Company Limited ipprezentata fir-Registru fis-6 ta' Dicembru 2006 (fol. 11) li biha pprezentat l-affidavit ta' Joseph Pace, immarkat bhala Dok "BC1".

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2007 fejn meta ssejjah ir-rikors deher Dr. Keith Bonnici ghas-socjeta` attrici u s-socjeta' konvenuta msejjha diversi drabi baqghet ma dehritx. Il-kawza giet ghalhekk differita ghas-sentenza in difett ta' ostaskolu ghat-30 ta' Jannar 2007.

Rat in-nota attrici datata 11 ta' Jannar 2007.

Rat ir-rikors tas-socjeta` konvenuta datat 30 ta' Jannar 2007 fejn l-istess socjeta` konvenuta talbet li tiggustifika l-kontumacja taghha.

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta’ Jannar 2007 u d-digriet tal-Qorti fejn issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza.

Rat ir-risposta tas-socjeta` konvenuta datata 13 ta’ Frar 2007.

Rat in-nota tas-socjeta` konvenuta datata 16 ta’ Frar 2007 fejn gew esebiti l-affidavits tas-socjeta` konvenuta dwar il-gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Rat in-nota tas-socjeta` attrici datata 19 ta’ Frar 2007.

Rat il-verbali tas-seduti nkluz dak tal-20 ta’ Marzu 2007 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-punt tal-gustifikazzjoni tal-kontumacja ghas-26 t’April 2007; u l-ordni ta’ din il-Qorti datata 26 t’April 2007 fejn il-kawza thalliet ghall-istess skop ghat-3 ta’ Mejju 2007.

Rat ix-xhieda kollha moghtija.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi din hija decizjoni dwar it-talba tas-socjeta’ konvenuta sabiex tiggustifika l-kontumacja taghha u tigi awtorizzata tipprezenta nota ta’ eccezzjonijiet jew risposta guramentata skond il-ligi.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta’ konvenuta giet notifikata fil-fond numru 53/54, Amery Street, Sliema u dan billi l-istess rikors guramentat gie moghti lil certu Malcolm Borg fis-16 ta’ Awwissu 2006 (*a tergo fol. 5).* Fil-fatt mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm l-ufficju kien maghluq minhabba l-festi ta’ Santa Marija, dan l-imsemmi Mario Borg, li kien fil-fatt impjegat tas-socjeta’ konvenuta dak in-nhar ma kienx ghadda l-istess inkartament li rcieva mill-Qorti lid-direttur tas-socjeta’ konvenuta, il-Perit Patrick Griscti Soler, peress li ma riedx jurih bhala

superjur tieghu li kien dahal l-ufficju fil-granet tal-vaganzi. Dan jinsab ikkonfermat mill-affidavit ta' Malcolm Borg stess datat 14 ta' Frar 2007, li jghid adirittura li ghalkemm kellu struzzjonijiet sabiex kull korrispondenza li huwa jircievi jinforma biha lill-imsemmi Perit kemm billi jcempel u billi jhalli l-istess fuq l-iskrivanija tieghu, f'dan il-kaz ma ghamilx hekk ghaliex il-karti haddhom mieghu u b'hekk ir-rappresentant tas-socjeta' attrici qatt ma sar jaf b'dawn il-karti ghaliex qatt ma waslu ghandu.

Illi dan huwa kkonfermat mix-xhieda tal-Perit Patrick Griscti Soler li kkonferma li sar jaf bil-kawza biss ghaliex kien cempillu l-avukat tieghu Dr. Paul Gauci Maestre li min-naha tieghu qallu li kien sar jaf bil-kawza permezz ta' l-*internet*. Din ix-xhieda hija wkoll ikkorroborata mill-istess Dr. Paul Gauci Maestre li xehed fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2007, u mill-ewwel sar ir-rikors datat 30 ta' Jannar 2007.

Illi skond **l-artikolu 187 (4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta,** n-notifika tal-kopja tal-iskritturi giudizzjarji ghandha ssir fil-kaz ta' korp li jkollu personalita' guridika distinta, *(a)"fl-ufficju registrat, fl-ufficju principali, tieghu jew fil-post tan-negozju jew indirizz postali f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 181 A jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp jew (b) f'idejn xi hadd mill-persuni msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 181 A bil-mod provdut fis-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu"*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li verament l-istess rikors guramentat u avviz ta' l-appuntament gie notifikat skond il-ligi, pero' jirrizulta li dan effettivament ma waslax ghand ir-rappresentanti tas-socjeta' konvenuta, peress li dan l-impjegat minn jeddu ghazel li ma jghaddiex l-istess inkartament lir-rappresentant ta' l-istess u dan minkejja li kellu struzzjonijiet cari dwar dan.

Illi skond kif inghad fis-sentenza **"Adrian Busietta vs Formosa & Camilleri Limited nomine"** (P.A. (RCP) 5 ta' Ottubru 1999 - Citaz. Nru. 1180/97/RCP) il-validita` tan-notifika ghall-finijiet procedurali ma teskludix illi l-konvenut jista' jiggustifika l-kontumacja tieghu, jekk ikollu

raguni tajba. Kieku kull darba li jigi pruvat li saret notifika skond l-istess artikolu, kellu jigi prekluz mill-purgazzjoni tal-kontumacja, kienet tmur ghal kollox inutili u ozzjuza d-disposizzjoni tal-**artikolu 158 (10) tal-Kap 16** illi tippermetti lill-konvenut juri lill-Qorti li kellu raguni tajba (*reasonable cause*) ghan-nuqqas tieghu. **("Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici"** - A.C. 12 ta' Dicembru 1995.).

Illi in effetti tali notifika skond il-ligi tfisser li hemm presunzjoni li ghall-finijiet tal-ligi li tali citazzjoni waslet ghand id-destinatarju, pero` dan l-att fih innifsu ma jfissirx illi tali persuna ma tistax tipprova li *in verita*` tali att giudizzjarju qatt ma wasal ghandu, jew ma wasalx ghandu tempestivament, u ghalhekk jfittex l-imsemmija purgazzjoni.

Illi l-istat tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut bin-nuqqas tieghu wera kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti meta huwa gie konvenut bic-citazzjoni u hija din id-disubidjenza li l-ligi trid tippunixxi in kwantu kontumacja bhal dik hija element ta' disordni socjali**. ("Joseph Vella proprio et noe vs John Vella"** (A. K. 21 ta' Mejju 1993).

Illi pero` sabiex tigi gustifikata l-kontumacja, trid tkun gusta kawza **(Paul Grixti vs Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**); u tali kawza gusta trid tikkonsisti fl-impediment legittimu (**XXXVIII.i.393**); biex ikun legittimu tali mpediment irid ikun indipendenti mill-volonta' tal-kontumaci **(XLII. i. 811; XXIX.i.1581),** b'dan ghalhekk li l-konkluzjoni logika ta' dawn il-principji huwa illi "*f'materja ta' purgazzjoni tal-kontumacja gie dejjem ritenut li m'ghandux ikun hemm negligenza jew htija tal-parti, ghaliex allura minflok il-prova tal-kawza gusta jkun hemm il-"culpa" u f'dak il-kaz il-persuna ma tkun tista' tilmenta minn xejn ghaliex "qui culpa sua damnum sentit non videtur damnum sentire*" (**"Carmelo Bugeja vs Mary xebba Farrugia"** A.C. 16 ta' Frar 1996.).

Illi pero` xorta l-Qorti tqis il-kontumacja bhala mizura ta' natura punitiva necessarja sabiex tassigura rispett lejn l-

atti emessi mill-Qorti, pero' minhabba s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li timporta, ir-rigorozita' tal-procedura ghandha tigi applikata u nterprettata b'mod ristrettiv. (**"Emanuela Gerada et vs Joseph Abela et."** A.C. 17 ta' Marzu 1997).

Illi ghalhekk *in vista* tal-principju fondamentali *"audi alteram partem"***,** il-Qorti ghandha obbligu li la darba jidher il-konvenut, tara jekk ghandux ragunijiet gusti sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu, u dan huwa msahhah b'dak li jipprovdi l-**artikolu 158 (10)** kif emendat bl-**Att. XXIV tal-1995**, fejn il-Qorti tiddikjara li l-istess konvenut li huwa kontumaci biss jekk *"kemm-il darba ma jipprovax ghas-sodisfazzjon tal-Qorti raguni tajba 'il ghala jkun naqas li jipprezenta l-istess nota ta' eccezzjonijiet".* Pero' il-presenza tal-konvenut fil-proceduri wahedha, bla raguni valida ta' gustifikazzjoni ta' kontumacja ma jfissirx li hija bizzejjed sabiex jinghata l-opportunita' jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu, ghaliex allura *"l-istitut tal-kontumacja jigi dilwit sal-punt li jigi rez kompletament bla effikacja u inopperattiv kull fejn il-konvenut jaghzel li jidher fl-ewwel seduta……….Din l-interprettazzjoni hi wahda li tmur mhux biss kontra l-ittra u l-ispirtu tal-ligi, imma ukoll kontra kull sens ta giustizzja procedurali kif espressa fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili….."* **("Joseph Aquilina et vs Lino Debono**"- A.C. 7 ta' Ottubru 1997).

Illi applikati dawn il-principji ghall-kaz "*de quo*" jirrizulta bla ebda dubju li tali rikors guramentat gie debitament notifikat skond il-ligi lis-socjeta' konvenuta, fis-sens li n-notifika saret *ai termini* tal-**artikolu 187 (4) tal-Kap 12** lill-persuna mpjegata tal-istess korp b'personalita' giuridika distinta, pero' jirrizulta ukoll li tali rikors guramentat qatt ma gie moghddi lill-rappresentant tas-socjeta' konvenuta u dan minkejja li kemm struzzjonijiet cari sabiex u kif dan kellu jsehh kif jirrizulta mill-provi prodotti li bl-ebda mod ma gew kontestati.

Illi jinghad li skond is-sentenza "**Albert Mizzi noe vs Direttur tax-Xoghlijiet."(M. 19.2.1990)** fejn *"ma jkunx hemm nuqqas da parte tal-persuna notifikata li jista' jammonta ghall-'culpa' u ghalhekk f'tali kazi ma ghandu*

*jkun hemm ebda ostakolu li l-kontumacja titqies li giet gustifikata”* **(“Paul Vella et vs Anthony Ellul”** P.A. (JSP) **4** ta’ Lulju 1991; **“Macpherson Mediterranean Limited vs Godwin Gatt Suban et.” –** P.A. (RCP) 21 ta’ April 1999**; “Arthur C. Walker vs Carmel Francica”** – P.A. (RCP) 5 ta’ Mejju 1999; **“Golden Gate Co. Limited vs Meliton Group Limited” –** P.A. (RCP) 6 ta’ Mejju 1999).

Illi anzi jidher mill-provi prodotti li minhabba li l-istess Malcolm Borg ghazel li ma jaghtix dan l-inkartament lill-perit imsemmi l-istess socjeta’ konvenuta kellha mpediment legittimu, indipendenti mill-volonta’ tar-rappresentanti taghha sabiex tiddefendi ruhha bil-mezzi provduti mill-ligi tempestivament, u kienet din il-kawza ghaliex l-istess socjeta’ konvenuta ma pprezentatx l-eccezzjonijiet taghha tempestivament **(“Paul Grixti vs Direttur Tax-Xoghlijiet Pubblici”** A.C. 12 ta’ Dicembru 1995; **Magro Brothers (Marketing) Limited vs Anthony Azzopardi *proprio et nomine*** – RCP 18 ta’ Jannar 2000), u ghalhekk la darba dan jigi ppruvat, skond id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 158 (10) tal-Kap 12**, anke in omagg tal-principju *“audi alteram partem”* tezisti *“ghas-sodisafazzjoni tal-Qorti raguni tajba ‘il ghala jkun naqas li jippresenta l-istess nota tal-eccezzjonijiet”* **(John Baptist Ellul et vs Godwin Cauchi** - P.A. (RCP) 25 ta’ Jannar 2000). Dawn il-principji gew ikkonfermati mis-sentenzi ta’ l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fil-kawzi fl-ismijiet **“Joseph Delceppo vs Onorevoli Raymond Bondin”** – A.C. 7 ta’ Marzu 1994 u **“Dennis Stivala vs Dragona Resort Ltd”** – A.C. – 9 ta’ Marzu 2007.

Illi ghalhekk fuq l-iskorta ta’ tali nsenjamenti din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi kif ippruvati mis-socjeta’ konvenuta, hija rnexxielha tiggustifika l-kontumacja taghha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta**’ u **tiddeciedi**, billi fil-waqt li tichad ir-risposta tas-socjeta’ attrici datata 13 ta’ Frar 2007 in kwantu l-istess hija inkonsistenti ma dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet tas-**

**socjeta' konvenuta kontenuti fir-rikors taghha tat-30 ta' Jannar 2007** u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta rnexxiela tiggustifika l-kontumacja taghha, u ghalhekk tawtorizzaha sabiex tipprezenta risposta guramentata bl-eccezzjonijiet taghha, fi zmien ghoxrin (20) gurnata millum.

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra l-istess socjeta' konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------